IL-KNISJA F’MALTA

# Messaġġ mill-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex

SATURDAY 18 JUNE 2016
AĦBARIJIET

Aħna, l-Isqfijiet ta’ Malta u Għawdex, flimkien ma’ tant nies f’pajjiżna li jemmnu fil-valur u d-dinjità tal-ħajja lilhinn mit-twemmin li jħaddnu, irridu nesprimu t-tħassib tagħna għall-Protest Ġudizzjali li tressaq fil-Qrati tagħna mill-Fondazzjoni għad-Drittijiet tal-Mara, biex f’pajjiżna tiġi legalizzata l-pillola *morning-after*.

Napprezzaw li qabilna diġà esprimew dan it-tħassib Għaqdiet u Organizzazzjonijiet u tant u tant oħrajn li fostna għadhom jemmnu li d-dinjità tal-ħajja umana għandha tkun imħarsa u rispettata sa mill-konċepiment.

Nagħmluha ċara li aħna napprezzaw il-ħidma favur id-drittijiet tal-mara fis-soċjetà tagħna biex ikunu rispettati u promossi bla heda r-rwol u d-dinjità tal-mara. Fl-istess waqt, aħna favur id-drittijiet tal-persuna fil-ġuf li għalkemm ma għandhiex qawwa ssemma’ leħinha, id-dritt tagħha għal ħajja għandu jiġi mħares bil-qawwa kollha. Għalhekk, aħna naffermaw b’saħħa li l-legalizzazzjoni ta’ din il-pillola, li hija f’ħafna każi abortiva, m’għandhiex tkun kwistjoni marbuta mad-drittijiet tal-mara jew sempliċement mas-saħħa riproduttiva tagħha.

Fejn hemm bidu ta’ ħajja umana ġdida, hemm kwistjonijiet ferm iktar serji u delikati li jekk ninjorawhom inkunu biss qed nimminaw l-iktar valuri sagri li s-soċjetà u l-konvivenza bejnietna jagħmluhom iktar denji tal-bniedem.

Hu s-sens qawwi ta’ umanità u l-fermezza li neħtieġu biex nibqgħu nipproteġu fil-kultura tagħna bħala poplu l-valur u d-dinjità ta’ kull ħajja umana sa mill-konċepiment li għandhom jgħaqqduna flimkien quddiem kwistjoni bħal din.

Il-kwistjoni għalina tibqa’ l-fibra morali tas-soċjetà tagħna: mingħajrha nkunu nżarmaw mhux biss dak li rċevejna, imma anke nispiċċaw m’għandna xejn x’ngħaddu lil ta’ warajna.

**✠ Charles J. Scicluna**

Arċisqof ta’ Malta

**✠ Mario Grech**

Isqof ta’ Għawdex